VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,478, 25 ta' Settembru, 2015*
*Taqsima B*

**A.L. 304 tal-2015**

## ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

## Regolamenti tal-2015 dwar il-Preżentata ta' Atti permezz ta' Mekkaniżmu Elettroniku fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar il-Preżentata ta' Atti fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva permezz ta' Mekkaniżmu Elettroniku.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2015.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta' tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 490.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"permezz ta' mekkaniżmu Elettroniku" għandha tfisser *online*;

"rikors" tfisser rikors magħmul skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2) tal-Att.

(2) Il-kliem u l-espressjonijiet l-oħra li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Kif jitħaddem il-mekkaniżmu elettroniku.

**3.** (1) Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu rikorsi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2) tal-Att quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jistgħu jiġu ppreżentati *online*.

(2) Persuna li tkun tixtieq tippreżenta rikors kif imsemmi hawn qabel, permezz tar-rappreżentant legali tagħha, tista' tagħmel dan *online* u tħallas id-dritt preskritt.

Responsabbiltà tas-Segretarju u meta jitqiesu li ġew ippreżentati l-atti *online*.

**4.** (1) Is-Segretarju jew persuni minnu delegati jistgħu jirċievu r-rikors kif hawn imsemmi ppreżentat bil-mekkaniżmu elettroniku.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Rikorsi ppreżentati permezz ta' mekkaniżmu elettroniku għandhom jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi daqslikieku ġew ippreżentati direttament fir-Reġistru tal-istess Tribunal, b'dan illi meta r-rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jigi ppreżentat permezz ta' mekkaniżmu elettroniku barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru stabbiliti taħt il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak l-att għandu jitqies illi ġie ppreżentat fl-ewwel ġurnata li jkun imiss tal-ftuħ tal-istess Reġistru.

Kap. 12.